# Ftit storja dwar il-Knisja

miġbura minn John Bisazza

## L-Ewwel Qniepen tal-Knisja

Meta fis-sena 1909 kien tlesta l-bini tal-faċċata tal-Knisja, fil-kampnari kienu tpoġġew it-tliet qniepen li kienu jinsabu fil-faċċata l-antika. Il-qanpiena l-kbira li nħadmet minn Ġulju Cauchi fl-1885, swiet 1,800 skud u kienet tiżen disa' qnatar; illum tinsab fil-Knisja parrokkjali ta' Marsaxlokk. Il-fustanija, li llum l-arloġġ li nħadem minn Mikelanġ Sapiano fl-1875 idoqq fuqha is-sigħat, u li ġġib id-data 1796, probabbilment kienet irregalata mis-Sur Giuseppe Bonavia fl-1857 u li mid-data li ġġib fuqha kollox jindika li qabel kienet f'xi knisja oħra.



*Dun Edmondo Tabone u Dun Carmelo Micallef fil-Fonderija Angelo Bianchi*

Iż-żgħira li fuqha l-arloġġ idoqq il-kwarti kienet inħadmet mill-imsemmi Ġulju Cauchi fl-1875 u fiha skrizzjoni li tgħid li ġiet irregalata minn Dun Karm Casha Gerada, l-ewwel Vigarju Kurat tal-Parroċċa. It-tliet qniepen kienu kollha fil-kampnar tal-lemin.

## Kumitat 'Pro Fondo Campane'

Kien ilu jinħass il-bżonn li jsir sett ta' qniepen ġodda peress li dawk li semmejna ma kellhomx l-akkordju meħtieġ u għalhekk fl-1933 ġie mwaqqaf kumitat taħt il-presidenza tas-Sur Vincenzo Portanier, bl-iskop li jinġabru l-fondi neċessarji biex titwettaq din l-opra. Bdew jiġu organizzati numru ta' attivitajiet mill-ħabrieki kuntrattur Salvatore Calleja. Il-qniepen ġew ordnati għand il-fonderija ta' Angelo Bianchi ta' Varese, ġewwa l-Italja, permezz tal-aġent lokali tal-fonderija, is-Sur Ettore Lucia. Matul l-1937 Dun Karm Micallef u Dun Edmondo Tabone kienu ta' spiss iżuru l-fonderija biex jaraw fejn kien wasal ix-xogħol. Il-qniepen kellhom akkordju 'Quintiade in settima in do maggiore' magħżul mis-Sależjan Taljan il-Professur Antonolisei. Swew LM1,189 minbarra d-dazju.



*Salvatore Calleja*



*It-tberik tal-qniepen fil-bitħa ta' l-Istitut St. Patrick's.*



## Il-Qniepen jaslu Malta

Fl-ewwel jiem ta' Awissu tal-1937 il-qniepen waslu Malta fuq il-vapur 'Donizzetti'. Ħafna residenti minn tas-Sliema marru fl-inħawi tal-Port il-Kbir biex jaraw il-vapur dieħel. Il-qniepen ittieħdu ġewwa l-bitħa ta' l-Istitut ta' St. Patrick's fejn ġew imdendla ma' travu kbir bi thejjija għall- konsagrazzjoni tagħhom..

## Iċ- Ċerimonja tal-Konsagrazzjoni

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Awissu inżammet iċ-ċerimonja tal-konsagrazzjoni mill-Isqof ta' Għawdex, Monsinjur Mikiel Gonzi. Id-diskors ta' l-okkażjoni sar kif kien xieraq mill-Kappillan Rafel Capurro li ħa ħsieb il-kliem ta' l-iskrizzjonijiet ta' fuq kull qanpiena. Peress li ġewwa tas-Sliema qatt ma nżammet attività ta' din-ix-xorta, kienu bosta li kienu preżenti għal dik l-okkażjoni unika.

Skond drawwa antika, il-ħames qniepen ingħataw l-ismijiet li jidhru hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Il-Kbira – Marija Stella | Parrinu: Mons. Pawlu Galea – Vigarju Generali |
| It-Tieni – Marija Dolores | Parrina: Il-Markiża Violet Scicluna. |
| It-Tielet – Maria Rosaria | Parrinu: Is-Sur Carmelo Cassar Torregiani. |
| Ir-Raba' – Giuseppina | Parrinu: Is-Sur Carmelo Agius. |
| Il-Ħames – Carmela, Teresa, Raffaela | Parrinu: Il-Kappillan Dun Rafel Capurro |

## Tlugħ tal-Qniepen fil-Kampnari

Matul il-ġimgħa ta' wara bdew it-thejjijiet għat-tlugħ tal-qniepen fil-kampnari. Hawnhekk reġa' deher fix-xena Salvatore Calleja li taħt it-tmexxija tiegħu inħatt parti mill-frontispizju u l-kampnar tal-lemin biex tkun tista' tiddaħħal il-qanpiena l-kbira. Erbgħa mill-qniepen ittellgħu is-Sibt, 14 ta' Awissu biex l-għada, fil-preżenza ta' folla enormi, ittellgħet il-qanpiena l-kbira li tiżen 60 qantar (4 tunnellati). Kienet biċċa xogħol li wieħed ma jiltaqax magħha kuljum; iżda bil-għajnuna ta' mijiet ta' rġiel li kienu fuq il-bejt, il-qanpiena ġiet imtellgħa bejn iż-żewġ kampnari, fejn taħt it-tmexxija

ta' Salvatore Calleja u ta' Filippu Sammut – magħruf bħala Il-Lupu, ( li f'Jannar ta' l-1932 kien inkarigat mit-tlugħ tal-qanpiena l-kbira ta' Birkirkara) ġiet imdaħħla fil-kampnar tal-lemin, u mdendla ma' travu imhejji apposta. Wieħed irid jiftakar li sebgħin sena ilu ma kinux jeżistu l-krejnijiet tal-lum. Iżjed tard filgħaxija, il-qniepen semmgħu għall-ewwel darba n-noti ferrieħa tagħhom waqt il-kant tat-Te Deum. Mill-ewwel kien jidher li s-sett tal-qniepen il-ġodda kien wieħed mill-iżjed armonjużi fil-pajjiż.

Il-Ħadd ta' wara, jum il-festa ta' Stella Maris, il-parroċċa laqgħet fi ħdanha lis-saċerdot novell Dun Gużepp Mizzi – kienet festa doppja li l-gazzetti tawha prominenza speċjali.


*It-tlugħ tal-qanpiena l-kbira.*

Matul dawn is-sebgħin sena l-qniepen baqgħu jwasslulna messaġġi ta' ferħ u xi kultant ta' niket. L-iskop prinċipali tagħhom kien u għadu li jsejħulna għat-talb u l-qima tal-kult divin. Ta' kuljum f'ħinijiet stabbiliti, il-fustanija 'Maria Dolores' tippika mal-ħsejjes ta' belt moderna biex, permezz tat-tokki tagħha, issejħilna sabiex nieqfu ftit u ninġabru fina nfusna u donnha trid tfakkarna fil-kliem sabiħ li jinsab imnaqqax fuqha :

O nies twajba ta' tas-Sliema
Ilkoll kemm intom ersqu taħt il-mant ta' Marija li Ġesù Kristu
Salvatur tal-bnedmin tahielkom b'Omm tagħkom.
Kristu jirbaħ – Kristu jsaltan – Kristu jaħkem.

Kliem li l-messaġġ tagħhom nistgħu faċilment napplikawh fil-ħajja tagħna ta' kuljum.


Riferenzi

| | |
|---|---|
| L-Ordine | 28.08.1857 , 30.08.1857 |
| Il-Berqa | 16.08.1937 |
| Daily Malta Chronicle | 24.08.1937 |
| Leħen is-Sewwa | 17.08.1937 |



Ħajr lis-Sur J.P.Vella li ta xi nformazzjoni lill-awtur (kien preżenti waqt it-tlugħ tal-qanpiena l-kbira)


Fl-2003 il-kappillan Dun Raphael Pace inkariga lill-kampanologu Kenneth Cauchi, biex jirrestawra l-qniepen u jġibhom jaħdmu ukoll b'sistema kompjuterizzata.

